



Brussell, id-19 ta' Jannar 2018

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### **IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR IL-LIVELL MINIMU TA' TAĦRIĠ TAL-BAĦĦARA U R-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TAĊ-ĊERTIFIKATI TAL-BAĦĦARA**

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Wara talba mir-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50) qabel fil-11 ta' April 2019<sup>1</sup> li jestendi ulterjorment<sup>2</sup> il-perjodu previst fil-Artikolu 50(3) TUE sal-31 ta' Ottubru 2019<sup>3</sup>. Dan ifisser li r-Renju Unit, mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ"), se jkun "pajjiż terz"<sup>4, 5</sup>.

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni għall-UE u għall-awtoritajiet nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fl-isfond tal-inċertezzi dwar ir-ratifika tal-Ftehim dwar il-ħruġ<sup>6</sup>, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar ir-riperkussjonijiet legali li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Suġġett għall-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ<sup>7</sup>, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-livell minimu ta' taħriġ għall-baħħara u r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-baħħara, b'mod partikolari d-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584, ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1.

<sup>2</sup> Wara talba mir-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew kien iddeċieda dwar l-ewwel estensjoni fit-22 ta' Marzu 2019 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/476, ĠU L 80I, 22.3.2019, p. 1).

<sup>3</sup> Fil-11 ta' April 2019, wara t-tieni talba għal estensjoni mir-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew iddeċieda wkoll li d-deċiżjoni ta' estensjoni sal-31 ta' Ottubru 2019 tieqaf tapplika fil-31 ta' Mejju 2019 jekk ir-Renju Unit ma jkunx organizza l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u ma jkunx irratifika l-Ftehim dwar il-ħruġ sat-22 ta' Mejju 2019. Peress li r-Renju Unit kien għadu ma rratifikax il-Ftehim dwar il-ħruġ sat-22 ta' Mejju 2019, huwa organizza l-elezzjonijiet Ewropej fit-23 ta' Mejju 2019.

<sup>4</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>5</sup> Barra minn hekk, jekk il-Ftehim dwar il-ħruġ jiġi rratifikat miż-żewġ partijiet qabel dik id-data, il-ħruġ isir fl-ewwel jum tax-xahar wara t-tlestija tal-proċeduri ta' ratifika.

<sup>6</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU, C 144 I, 25.4.2019, p. 1.

<sup>7</sup> Ta' min jiftakar li, sabiex japplika l-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Ftehim dwar il-ħruġ irid ikun ratifikat mill-UE u mir-Renju Unit.

livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara<sup>8</sup>, ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. B'mod partikolari dan għandu l-konsegwenzi li ġejjin:

**Nota:**

**Dan l-avviż ma jindirizzax aspetti oħrajn li jistgħu jkunu rilevanti għall-partijiet interessati kkonċernati, bħal:**

- ir-regoli tal-UE dwar is-sikurezza marittima u l-aċċess għas-suq;<sup>9</sup>
- ir-regoli tal-UE dwar is-sigurtà marittima;<sup>10</sup> u
- ir-regoli tal-UE dwar il-kontrolli fuq il-persuni li jidħlu fl-UE u joħorġu minnha.<sup>11</sup>

**F'dak li jirrigwarda l-qafas ġenerali tal-UE għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, jekk jogħġbok ara l-Avviż lill-partijiet ikkonċernati - *Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-professjonijiet regolati u tar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali*<sup>12</sup>.**

- Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/106/KE, il-baħħara li jagħtu s-servizz tagħhom fuq bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għandu jkollhom iċ-ċertifikat ta' kompetenza jew iċ-ċertifikat ta' profiċjenza rikjest (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ċertifikati") maħruġa minn dak l-Istat Membru, minn Stat Membru ieħor jew minn wieħed mill-pajjiżi terzi li huma rikonoxxuti skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2008/106/KE. L-Istat Membru tal-bastiment irid jirrikonoxxi iċ-ċertifikati maħruġa lill-baħħara mill-Istati Membri l-oħra jew mill-pajjiżi terzi rikonoxxuti sabiex dawk iċ-ċertifikati jitqiesu validi f'dak l-Istat Membru. Jeżistu żewġ proċeduri distinti ta' rikonoxximent:
  - L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/45/KE<sup>13</sup> jistipula li kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi iċ-ċertifikati maħruġa lill-baħħara mill-Istati Membri l-oħra: ir-rikonoxximent ta' dawk iċ-ċertifikati (mill-Istat Membru tal-bastiment) irid jkun akkumpanjat minn "approvazzjoni li tiċċertifika r-rikonoxximent".
  - L-Artikolu 19(4) tad-Direttiva 2008/106/KE jistipula li Stat Membru jista' jiddeċiedi li japprova iċ-ċertifikati maħruġa mill-pajjiżi terzi rikonoxxuti.

<sup>8</sup> ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33

<sup>9</sup> Ara l-"Avviż lill-partijiet ikkonċernati – *Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-Regoli tal-UE fil-qasam tat-trasport marittimu*" ([https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file\\_import/maritime\\_transport\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/maritime_transport_mt.pdf)).

<sup>10</sup> Ara l-"Avviż lill-partijiet ikkonċernati – *Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni u s-sigurtà marittima*" ([https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file\\_import/aviation\\_and\\_maritime\\_security\\_mt\\_0.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/aviation_and_maritime_security_mt_0.pdf)).

<sup>11</sup> Ara l-"Avviż dwar l-ivjaġġar bejn l-UE u r-Renju Unit wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE" ([https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/travelling\\_mt\\_0.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/travelling_mt_0.pdf)).

<sup>12</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file\\_import/professional\\_qualifications\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/professional_qualifications_mt.pdf).

<sup>13</sup> Id-Direttiva 2005/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri u li temenda d-Direttiva 2001/25/KE (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 160).

- B'seħħ mid-data tal-ħruġ, iċ-ċertifikati maħruġa lill-baħħara mir-Renju Unit ma jkunux jistgħu jiġu ppreżentati għal “approvazzjoni li tiċċertifika r-rikonoxximent” minn wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE skont id-Direttiva 2005/45/KE.

L-“approvazzjoni(jiet) li jiċċertifikaw ir-rikonoxximent”, maħruġa qabel id-data tal-ħruġ minn wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE skont id-Direttiva 2005/45/KE, ta' ċertifikati maħruġa lill-baħħara mir-Renju Unit se jibqgħu validi sakemm jiskadu. Il-kaptani u l-uffiċjali li jkollhom “approvazzjoni li tiċċertifika r-rikonoxximent” maħruġa minn Stat Membru se jkunu jistgħu jissoktaw jaħdmu abbord il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru. Madankollu, mhumiex se jkunu jistgħu jbiddu u jaħdmu abbord bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru ieħor abbażi taċ-ċertifikati eżistenti tagħhom maħruġa mir-Renju Unit. Dan għaliex il-bażi tar-rikonoxximent taċ-ċertifikati minn dak l-Istat Membru (id-Direttiva 2005/45/KE) ma tkunx għadha tgħodd.

- B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-rikonoxximent min-naħa ta' wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE ta' ċertifikati maħruġa lill-baħħara mir-Renju Unit se jkun suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 19<sup>14</sup> tad-Direttiva 2008/106/KE<sup>15</sup>, f'konformità mal-istatus il-ġdid tar-Renju Unit bħala pajjiż terz.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar it-trasport marittimu ([https://ec.europa.eu/transport/modes/maritime/seafarers\\_en](https://ec.europa.eu/transport/modes/maritime/seafarers_en)) jagħti informazzjoni ġenerali. Dawk il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport

<sup>14</sup> Il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent stipulati fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2008/106/KE ġew emendati riċentement permezz tad-Direttiva (UE) 2019/1159 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019, ĠU L 188, 12.7.2019, p. 94.

<sup>15</sup> Il-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti fil-livell tal-UE ġiet ippubblikata fil-ĠU C 261, 8.8.2015, p. 25. Wara l-pubblikazzjoni ta' din il-lista, il-Montenegro ġie rikonoxxut permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata fil-ĠU L 107, 25.4.2017, p. 31, l-Etjopja ġiet irrikonoxxuta permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata fil-ĠU L 177, 8.7.2017, p. 43 u Fiġi ġiet irrikonoxxuta permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata fil-ĠU L 202, 3.8.2017, p. 6.